LUQA

Minuti tal-Laqgħa Nru.17 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 20 ta’ Awissu 2008 fis-1.30 p.m.

**Preżenti:** Il-Membri

Is-Sindku Is-Sur John Schembri

Il-Viċi Sindku Is-Sur Joseph Scicluna

Il-Kunsilliera Is-Sur Victor Caruana
Dr. Frank Psaila
Is-Sur Joe Piscopo A.Mus.L.C.M

**L-Uffiċjali:** Is-Segretarju Eżek. Is-Sur Michael Borg

**Skużati:** Is-Sur Joseph Camilleri
Is-Sinjura Luċia Massa

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Rapport Amministrattiv 2007/2008
5. Mozzjonijiet
6. Ħlasijiet

1. **QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 16 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku Joseph Scicluna u ssekondata mis-Sur Victor Caruana.

2. **RIFERENZI GĦALL-MINUTI**

2.1 Is-Sur Victor qal li l-istage ta' ħdejn id-Dinitrol issa nqala' minn fejn kien, imma jħoss li jkun aħjar li twaħħal fl-istess post fejn kien qabel. Staqsa fejn konna wasalna fuq il-*Bus Shelter*.

2.1.i Is-Sindku wieġeb li l-*Bus Stop* ma twaħħalx fejn kien qabel peress li x-xogħol fuq dik id-dar partikulari għadu sejjer. Dwar il-*Bus Shelter*, is-Sindku qal li ġejna nfurmati mill-AKL li se tinħareġ *tender* ġdida għax milli jidher il-kuntrattur attwali ma jridx ikompli.

3. **KORRISPONDENZA**

3.1 Is-Sindku ta resumé tal-korrispondenza kollha li daħlet sal-20 ta' Awissu
2008 fosthom :

a) ittra mill-Onor. Dr. Stephan Buontempo, responsabbli mill-Kunsilli lokali fi ħdan il-Partit Laburista, li titlob għal laqgħa mal-Kunsill;

b) ittra mill-Onor. Dr Chris Said li tirringrazzja lill-Kunsill għas-sehem li ta fil-proċess ta' konsultazzjoni dwar ir-Riformi tal-Kunsilli Lokali;

c) *email* mill-AKL li tinforma dwar it-tħejjijiet li qegħdin isiru biex tinħareġ it-*tender* għall-ġbir ta' skart bieb bieb;

d) *email* mill-AKL dwar il-laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki ffissata għall-5 u 6 ta' Settembru 2008;

e) ittra mid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunita' dwar il-Premju Anzjani tas-Sena 2008. Fuq proposta tal-Viċi Sindku Joseph Scicluna ssekondat mis-Sur Victor Caruana, il-Kunsill unanimament qabel

li jipproponi lis-Sur Toussaint Mallia għal dan I-premju.

f) *email* mill-AKL dwar laqgħa tal-*GAL National Rural Development Agency* li se ssir il-Ħamis, 28 ta' Awissu 2008, fil-*Corinthia Palace*, Attard.

g) ittra minn *Liquid Studios* (li huma l-*website servers* tal-Kunsill) li tinforma dwar deċizjoni tal-MITTS biex jiġu *upgraded* il-*websites* tal-Kunsilli Lokali kollha. Il-Kunsill qabel li jsir l-upgrading meħtieġ.

- F'dan l-istadju l-Viċi Sindku talab u ngħata, is-sospensoni tar-regolment ħalli jkun jista' jressaq riżoluzzjoni dwar il-*GAL National Rural Development Agency.*

- Ir-rizoluzzjoni tas-Sur Scicluna, li kienet issekondata mis-Sur Joseph Piscopo, kienet tgħid li: **l-Kunsill japprova li nkunu membri tal-GAL tax-Xlokk skond kif Malta ġiet maqsuma mill-Ministeru għal Risorsi u Rurali u nkunu wkoll membri fundaturi tal-fondazzjoni li ser tmexxi l-istess Grupp Azzjoni Lokali kif jitlob l-Att Nru. 13/2007. Għal dan il-għan irridu nagħżlu entita' mhux governattiva bħala imsieħba fl-istess fondazzjoni.**

- Mid-diskussjoni ħareġ li għandha tinstab persuna li tkun intiża fuq is-suġġett ħalli tirrappreżenta lill-Kunsill. Is-Sindku stieden lill-kunsillieri biex jekk jafu lil xi persuna addattata, jistgħu jissottomettu l-isem tagħha sa l-aħħar ta' Awissu.

- Wara diskussjoni fuqha, ir-riżoluzzjoni ġiet approvata unanimament.

## 4. RAPPORT AMMINISTRATTIV 2007/2008

4.1 Peress li kopja tar-rapport kienet tqassmet minn qabel lill-Kunsillieri, is-Sindku talab jekk kienx hemm kummenti u mistoqsijiet xi jsiru.

4.2 Wara li saru xi mistoqsijiet, ir-Rapport Amministrattiv 2007/2008 ġie unanimament approvat fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku Joseph Sicicluna ssekondat mis-Sur Victor Caruana.

**5. MOZZJONIJIET**

5.1 Mozzjoni mressqa mis-Sindku John Schembri u ssekondata mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna tgħid li : **l-Kunsill japprova li tiġi organizzata attivita' soċjali/edukattiva/kulturali flimkien ma' *Luqa Youth Centre*.**

5.1.i Meta tkellem fuq il-mozzjoni s-Sindku qal li din l-attivita' se ssir fuq l-istess linja tas-sena l-oħra. Din se tittella l-Ġimgħa, 27 ta' Awissu 2008 u għaliha huma mistiedna l-Kunsillieri kollha.

5.1.ii Meta tressqet għall-voti, il-mozzjoni għaddiet unanimament.

**6. ĦLASIJIET**

6.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sal-20 ta' Awissu 2008 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm *items* oħra x'jiġu diskussi, fis-2.20 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

- Konfermati llum 19 ta' Settembru 2008.

________________ ___________________

John Schembri — Sindku

Michael Borg — Segretarju Eżekuttiv